MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Numru. 994/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs**

**Lourdes Carmen Joan Gatt**

**Kumpilazzjoni Nru: 994/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija Lourdes Carmen Joan Gatt, li ghandha 41 sena, bint Moses Zammit u Mary nee Degiorgio, iwielda nhar id-19 ta’ Frar 1973 gewwa l-Awstralja u residenti Jelfa Triq Wied il-Knejjes Luqa u detentrici tal-karta ta’ identita b’numru 359388(M).

Akkuzata talli nhar is-7 ta’ Mejju 2014 u fix-xhur ta’ qabel, minn gewwa residenza 143 Sara Court The Penthouse Triq Santa Katerina Mqabba, b’diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zminijiett differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rezoluzzjoni wahda kkommettiet serq ta’ flus u deheb liema serq huwa aggravat bil-persuna, bil-lok u bil-valur liema valur huwa aktar minn €232.94 izda inqas minn €2329.37 ghad-dannu ta’ Vincienne Micallef u/jew persuni ohra.

Rat l-artikoli 18, 261(c)(d)(e), 267, 268 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet it-tratazzjoni dwar il-piena.

Rat id-dokumenti esebieti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata kif ukoll l-koperazzjoni taghha mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li l-imputata diga ikkumpensat lid-derubata ghall-oggetti misruqa; hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali ta'l-imputata li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 261(c)(d)(e), 267, 268 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2).

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**DR. DOREEN CLARKE**

**MAGISTRAT**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------